MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 95/2004

**Avviz numru 95/04DM**

**Alexander Borg**

**Vs**

**Rainer Grima, Raymond u Maria Teresa sive Marthese konjugi Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti, *in solidum* bejniethom sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni subiti mill-attur in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara Hal-Far fis-26 ta' Novembru, 2002, meta waqt li Rainer Grima kien qed isuq il-vettura Nru. LCC 991, proprjeta' ta' Raymond u Maria Teresa sive Marthese konjugi Vella, habat mal-vettura

Nru. IBD 387, proprjeta’ ta’ l-attur u misjuqa minnu, prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni huma responsabbli *in solidum* kwantu ghal Ranier Grima ghaliex saq b’imprudenza, imperizja, negligenza u nnosservanza tar-regolamenti u kwantu ghal Raymond u Maria Teresa sive Marthese konjugi Vella ghaliex ippermettew lill-konvenut Rainer Grima li jsuq l-istess vettura bla ma kien debitament kopert b’polza ta’ assikurazzjoni skond il-ligi.
Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-18 ta’ Marzu, 2003, dawk ta’ l-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tad-9 ta’ Mejju, 2003, u dawk ta’ l-ittra uficcjali pprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-vettura Nru. LCC 991 bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-imghax legali skond il-ligi, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom li gew ingunti ghas-subizzjoni.
Ghall-fini ta’ kompetenza, l-attur iddikjara li d-danni tieghu jeccedu l-Lm1500 izda mhux il-Lm5000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ranier Grima fejn ecceppixxa illi:

1 Preliminarjament il-Qorti kif preseduta ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna fit-termini tal-Artikolu 734 (d) (i) *essendo* illi l-Magistrat sedenti diga’ esprima gudizzju fuq l-istess fatti tal-kaz u dana fi proceduri ta’ indoli penali li kienu jitrattaw l-istess mertu.
2 Fil-mertu l-incident *de quo* sehh unikament minhabba mperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta’ l-attur u ghalhekk l-eccipjent m’huwiex responsabbli ghall-ebda danni rizultanti mill-istess kollizjoni.
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Rat il-verbal tat-30 ta’ Marzu, 2004, fejn id-difensur tal-konvenut nforma lill-Qorti illi rigward l-ewwel eccezzjoni tieghu jirrizulta li l-Qorti kif preseduta gia ddecidiet il-mertu ta’ din il-kawza fit-23 ta’ Jannar, 2004, fil-kompetenza taghha ta’ Qorti Kriminali u u fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 734 tal-Kap. 12, stante li l-Magistrat sedenti gia ddecieda l-kawza fl-indole kriminali taghha, astjeniet milli

tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u ordnat li l-atti jintbaghtu lir-Registratur ta' din il-Qorti biex il-procedura tkun assenjata lill-istess Qorti diversament preseduta skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-10 ta' Mejju, 2006, fejn il-kontendenti ddikjaraw li jaqblu li l-konvenut Rainer Grima ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni billi kellu inqas minn 25 (hamsa u ghoxrin) sena kif rikjesti mill-polza fi zmien il-kollizjoni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat Hal Far fis-26 ta' Novembru, 2002, bejn il-karozza numru LCC 991 misjuqa mill-konvenut Raymond Grima u li kienet proprjeta' tal-konvenuti Raymond u Maria Teresa sive Marthese konjugi Vella u l-vettura bin-numru IBD 387 misjuqa mill-attur Alexander Borg.

Irrizulta illi dawn il-vetturi kienu qeghdin jinsaqu fl-istess direzzjoni b'dik misjuqa mill-konvenut Rainer Grima quddiem dik misjuqa minn Alexander Borg u l-kollizjoni grat peress illi f'mument minnhom il-konvenut Ranier Grima, skond kif allega huwa stess, ried jaghmel '*u turn'* fis-sens li mill-karregjata li kien qieghed isuq fiha ried idur biex jidhol fil-karregjata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta. Biex jaghmel din il-manuvra huwa l-ewwel kiser lejn ix-xellug tieghu biex ikollu iktar '*turning circle*' imbaghad dawwar lejn il-lemin tieghu biex jaqsam is-*single white line* li kien jiddividi l-karregjati.

Isostni ukoll illi qabel ma ghamel din il-manuvra huwa ma ghamilx sinjali izda ddikjara illi warajh ma kienux gejjin vetturi.

Din il-verzjoni, anke minghajr ma wiehed ma jidhol f'dak li qieghed jallega l-attur, hija verzjoni illi titfa' wahidha r-responsabbilita' tal-kollizjoni kollha fuq il-konvenut Rainer Grima peress illi qabel ma seta' jaghmel manuvra bhal ma kien qieghed jaghmel, kellu fl-ewwel lok jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex ma jostakolax it-traffiku li kien gejn minn warajh. Dan m'ghamlux billi rrizulta illi ma kienx innota lill-attur li fil-fatt kien qieghed warajh u dan jimplika nuqqas ta' *proper look out.*

Il-manuvra maghzula ukoll kienet fiha nnifisha perikoluza peress illi kienet taghti l-impressjoni lil min ikun qed isuq wara l-konvenut li dan kien ser jitlaq il-karregjata u jippermetti lit-traffiku ta' warajh jissorpassah, kif ukoll kienet manuvra prekoluza billi s-*single white line* li kien jiddividi l-karregjati kien jipreklud dik il-manuvra li ried jaghmel il-konvenut.

Iktar u iktar tikber ir-responsabbilita' tal-konvenut meta wiehed jikkonsidra d-deposizzjoni ta' l-attur, tal-passiggier li kellu mieghu u tal-persuna ndipendenti illi rat il-kollizjoni ssehh.

Dawn ilkoll allegaw illi Rainer Grima mhux biss ried jaghmel *u turn* izda l-*u turn* li ried jaghmel kienet wahda sperimentali permezz ta'*hand break turn* liema manuvra kien ilu qieghed jipprova anke qabel ma sehhet il-kollizjoni.

Fi kwalunkwe kaz kollox jindika illi l-kawza principali tal-kollizjoni kienet in-nuqqas ta' *proper look out* tal-konvenut Rainer Grima li qabel ma ghamel il-manuvra pprojbita u perikoluza huwa ma ndenjax ruhhu jaghti kaz ghat-traffiku li seta' kien qieghed mixi wara l-vettura tieghu.

Ghaldaqstant Rainer Grima ghandu jirrispondi ghad-danni kollha illi gew ikkawzati f'din il-kollizjoni ghad-dannu ta' Alexander Borg u l-Qorti qieghda tillikwida dawn id-danni

fis-somma komplessiva ta' elfejn, tlett mija, wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2331.61) kollox a bazi tad-dokumentazzjoni dettaljata esebita mill-attur u kkonfermata minnu.

Ghal dak li jirrigwarda xi responsabbilita' tal-konvenuti l-ohra l-konjugi Vella, dawn ghalkemm debitament notifikati ma kkontestawx it-talba attrici u l-anqas ma deheru biex jirrispondu ghad-domanda in subizzjoni maghmula lilhom mill-attur, b'liema domanda jrid jipprova illi huma flimkien mal-konvenut l-iehor huma debituri *in solidum* ta' l-attur fl-ammont ta' elfejn, tlett mija, wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2331.61).

Ghaldaqstant it-talba attrici anke fil-konfront tal-konvenuti Vella tinsab accettata u ghalhekk timmerita konferma.

Ghandu jinghad ukoll illi, minkejja il-kontumacja, anke mil-provi prodotti tirrizulta r-responsabbilita' solidali tal-konjugi Vella.

Dan peress illi jirrizulta ampjament ippruvat mill-provi prodotti illi l-konjugi Vella, prinicpalment il-konvenuta Marthese Vella, bhala l-proprjetarji tal-vettura misjuqa waqt l-incident mill-konvenut Grima, kienu jirrilaxxjaw din il-vettura biex tinsaq mill-konvenut Grima nonostante illi kienu jafu illi l-konvenut ma kienx ghadu ghalaq hamsa u ghoxrin (25) sena u ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

B'hekk in-nuqqas ta' ebda forma ta' assikurazzjoni biex tista' taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur minhabba l-hsarat li garbet il-vettura huwa konsegwenza diretta tan-nuqqas tal-konjugi Vella l-konvenuti proprjetarji tal-vettura nvoluta.

Infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-isimijiet 'Avukat Dr. Frans Refalo nomine vs Paul Caruana' deciza fil-5 ta' Ottubru, 1995, kienet irritenit hekk :

*'Huma ghalhekk ukoll validi l-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali fir-rigward tar-responsabilita' kwazi-dilettuza tal-*

*kjamat fil-kawza ghall-pagament tal-hsarat li kellhom ikunu koperti bil-polza ta' assigurazzjoni kif skond minnu dikjarat :*

*« 25. Jirrizulat illi l-kjamat fil-kawza kien fil-pussess tal-vettura H-1220 u krieha lill-konvenut u lil siehbu minghajr ma ta' kaz li dawn ma kellhomx l-eta' rikjesta mill-polza ta' l-assikurazzjoni tal-vettura self drive. B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas da parti tal-kjamatfil-kawza, il-konvenut ma kienx kopert b'assikurazzjoni li taghmel tajjeb ghall-hsara li garrbet il-vettura S-8411, proprjeta' ta' l-attur, fl-incident stradali li gara fl-24 ta' Awissu, 1986, fi Triq Imgarr, Vittorja, Ghawdex ;*

*26. Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk (artikolu 1033, Kodici Civili). In-nuqqas ta' hsieb tal-kjamat fil-kawza li spicca fi ksur tal-ligi (Kap.140) ma halliex lill-attur jithallas minghand is-socjeta' assikuratrici tal-karozza li dahlet fih. Ghalhekk, il-kjamat tal-kawza huwa responsabbli ghall-hsara flimkien mal-konvenut li materjalment ikkagunaha » (Pagna 14 tar-relazzjoni) ;*

*« Illi skond l-artikolu 1076 'kull min, bil-hsieb, jew minghajr hsieb li jaghmel deni…… jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, huwa obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk'. Issa l-imsejjah fil-kawza kiser l-obbligu tieghu li, qabel ma jaghti l-karozza ghall-kiri self-drive, huwa jassikuraha skond ma jippreskrivi l-artikolu 3(1) ta' L-Ordinanza XXXV1 ta' l-1939. Minhabba li dina l-assikurazzjoni ma kinitx ghadha saret fil-waqt ta' l-incident, l-attur ma setax jithallas tal-hsara li sofra ; u billi l-iskop animatur ta' dik il-ligi, huwa li jigi assikurat il-hlas tad-danni lil min isofrihom, derivanti mill-kollizjoni ta' karozzi, u l-attwazzjoni ta' dan l-iskop giet iffrustrata bi htija ta' l-imsejjah fil-kawza rrenda ruhu responsabbli ta' dawk id-danni daqs li kieku kkagunahom huwa stess direttament (Kollez. XX1V – II - 581), u taghhom huwa responsabbli solidalment ma' min*

*ikkaguna materjalment dawk id-danni Kollez. XXX1V –II – 605) u dana anke ghaliex il-bicca tad-danni li kull wiehed minnhom ikkaguna bl-ghemil tieghu ma tistax tigi stabbilita (artikolu 1093 Kodici Civili) (Carmelo Schembri vs John A. Davies et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Gunju, 1955) ;*

*« Meta l-karozza ma tkunx hekk assikurata, huwa responsabbli ghad-danni derivanti minn kollizjoni mhux biss dak li jikkaguna direttament u materjalment il-hsara, jigifieri dak li kien qieghed jaghmel uzu mill-karozza, imma anke dak li jkun naqas li jassikura l-vettura ; u din ir-responsabilita' hija solidali b'mod li min isofri l-hsara jista' jdur ghall-hlas taghha kontra min irid hu, jigifieri tant kontra l-wiehed jew l-iehor » (vol. XXX1V –P -605) ;'*

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u tiddikjara illi l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort tal-konvenut Rainer Grima illi ghandu jirrispondi ghad-danni kollha kkawzati lill-attur.

Ghall-hlas ta' l-istess danni huma responsabbli ukoll il-konvenuti l-ohra l-konjugi Vella minhabba n-nuqqas taghhom li jassiguraw li s-sewwieq tal-vettura taghhom kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni, u fil-waqt li tillikwida d-danni s-somma totali ta' elfejn, tlett mija, wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm2,331.61) qieghda tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom biex ihallsu din is-somma hekk likwidata lill-attur bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Frar, 2004.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------